MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2011

Avviz Numru. 131/2011

**Fl-atti tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 965/11 fl-ismijiet:**

**Lorraine Calleja (I.D. Nru. 349778M)**

**Vs**

**Patrick Calleja (I.D. Nru. 135077M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat minn Patrick Calleja fid-19 ta’ April 2011 permezz ta’ liema jitlob ir-revoka tal-Mandat ta’ Sekwestru Numru 965/11 fl-ismijiet “Lorraine Calleja v. Patrick Calleja” u l-konsegwenti hrug tal-kontro-mandat opportun, bl-ispejjez kontra l-intimata;

Rat ir-Risposta ta’ l-intimata permezz ta’ liema topponi ghat-talba tar-rikorrenti u titlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra tieghu;

Rat il-fotokopja tal-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 21 ta' Dicembru 2004, a fol. 3 sa' 6 tal-process, rat l-atti tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 965/11 fl-ismijiet premessi a fol. 7 sa' 12 tal-process;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tar-Rikors da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti.

**Ikkunsidrat:**

Ir-Rikorrenti jitlob ir-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru Numru 965/11 fl-ismijiet "Lorraine Calleja v. Patrick Calleja" u l-konsegwenti hrug tal-kontro-mandat opportun in bazi ghas-segwenti ragunijiet:

- Illi l-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 21 ta' Dicembru 2004, li l-intimata tippretendi li rrendiet esegwibbli ai termini ta' l-Artikolu 256(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta bil-hrug u notifika ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Dicembru 2010, ma jistax jitqies titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex *b'ebda mod ma jista' qatt jinghad li l-ammonti pretizi fl-ittra ufficjali jistghu jitqiesu ammonti certi, likwidi u dovuti, izda se mai jrid jigi likwidat*, u ghalhekk l-intimata ma setghetx tuzufruwixxi mill-procedura minnha adottata izda kellha tadixxi lil din il-Qorti ghall-kanonizzazzjoni tal-kreditu taghha fil-konfront tieghu; u
- Illi l-intimata ma segwietx il-procedura kontemplata fl-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta li *jistipula li wara tlett snin li jkun ghadda minn fuq att li jista' jigi res titolu esekuttiv, lanqas ma jista' jigi res esekuttiv jekk mhux wara li jsir rikors appositu fejn tintalab l-awtorizzazzjoni sabiex jittiehdu proceduri esekuttivi*. *F'dan il-kaz, anke ghall-grazzja ta' l-argument din il-procedura ma baqghetx disponibbli ghall-intimata wara l-21 ta' Dicembru 2007*.

L-intimata topponi ghat-talba tar-rikorrenti in bazi ghas-segwenti ragunijiet:

- Fl-ewwel lok l-irritwalità tar-rikors in ezami stante li r-rikorrenti jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat in kwistjoni fuq difett fit-titolu ezekuttiv. Ir-rikorrenti kellu jagixxi mhux bi proceduri ghar-revoka tal-Mandat izda permezz ta' azzjoni *ad hoc* li biha jattakka t-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu – *jinghad dan ghaliex sakemm ma jigix attakkat it-titolu ezekuttiv ma tistax tintalab ir-revoka ta' mandat li jinhareg in segwitu ta' tali titolu*;
- Ir-rimedju minnu pretiz in bazi ghall-allegazzjoni li d-dejn mhux cert, likwidu u dovut, seta' jottjenih biss permezz ta' l-azzjoni *ad hoc* suriferita;
- In fine u bla pregudizzju, l-ittra ufficjali giet ipprezentata fl-10 ta' Dicembru 2010 u ghalhekk kienu ghadhom ma iddekorrewx it-tlett snin kontemplati fl-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel kwistjoni li ghandha tigi trattata hi dik ta' l-irritwalità tat-talba tar-rikorrenti sollevata mill-intimata bl-eccezzjoni preliminari taghha.

Jibda biex jinghad illi l-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi attakkat b'dawn il-proceduri huwa att ezekuttiv, fatt dan li jirrizulta *ictu oculi* mill-atti tal-Mandat innifsu u mhux kontestat bejn il-partijiet kontendenti.

Ir-revoka in toto jew in parte ta' atti ezekuttivi hija specifikatament regolata fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, senjatament fl-Artikolu 281, li fis-subinciz (1) jipprovdi illi: *minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra, persuna kontra min jinhareg att ezekuttiv jew xi persuna ohra interessata, tista' taghmel rikors li jkun fih is-sottomissjonjiet kollha li tista' tkun tixtieq taghmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-rikors lil dik il-qorti li tkun harget dak l-att fejn titlob li l-att ezekuttiv jithassar, sew ghal kollox jew f'parti minnu biss, ghal raguni valida skond il-Ligi*.

Ghad-determinazzjoni gusta tal-kwistjoni sotto ezami huwa necessarju li l-iskop wara l-procedura li biha jigu attakkati atti ezekuttivi jigi ezaminat u mifhum sew.

F’dan ir-rigward issir referenza ghal dak li nghad mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-Digriet pronuncjat fil-5 ta’ Mejju 2005 wara r-**Rikors bin-Numru 287/05 Wara l-Mandat ta’ Sekwestru Numru 392/05 fl-ismijiet “Edward Pace v. Michael Sultana et”**: *il-Qorti hija tal-fehma li l-ghan li ghaliha ddahhlet din id-disposizzjoni fil-Kodici tal-Procedura **huwa marbut ma’ xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li bis-sahha tieghu l-parti ezekutata tbati pregudizzju**[1]. Minn dak li jirrizulta minn ezami tad-dibattiti parlamentari li wasslu ghad-dhul ta’ l-imsemmi artikolu fil-Kodici, **ma kinitx il-fehma tal-legislatur li din il-procedura tintuza biex il-mandat jew att ezekuttiv iehor jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta’ kontestazzjoni li huma marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess att ezekuttiv ikun inhareg**[2]. Kemm hu hekk l-ewwel kliem tas-subartikolu (1) tal-artikolu 283A jaghmluha cara li r-rimedju moghti lir-rikorrenti jinghata bhal hsara ghal kull jedd iehor ta’ l-istess Kodici jew xi ligi ohra. Illi l-ligi ma tghidx x’tista’ tkun ‘raguni valida skond il-ligi’, li nsibu fl-imsemmi artikolu. **Madanakollu, in generali, jista’ jinghad li mandat jista’ biss jigi attakkat kemm-il darba jkun inhareg minn Qorti zbaljata jew jekk ikun hemm xi difett fil-forma**[3]. Meta l-ligi riedet tfisser f’liema cirkostanzi jista’ jintalab il-hrug ta’ kontro-mandat, dan qalitu u fissritu b’reqqa, per ezempju fl-artikolu 836, li jitkellem dwar Mandati kawtelatorji. Il-Mandat mertu tal-kawza prezenti m’huwiex Mandat kawtelatorju.*

Ghad illi dan il-principju gie enuncjat mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fir-rigward ta’ l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta, li kien l-artikolu tal-ligi li kien jirregola l-proceduri li bihom jigu attakkati atti ezekuttivi qabel id-dhul fis-sehh ta’ l-attwali Artikolu 281 tal-Kap.12, u ghad illi bl-Artikolu 281 id-dritt biex jigi attakkat att ezekuttiv gie estiz

[1] Enfasi tal-Qorti.
[2] Enfasi tal-Qorti.
[3] Enfasi tal-Qorti.

ghal kull persuna ohra interessata oltre d-debitur ezekutat u it-termini entro liema tali rikors ghandu jigi notifikat, kontestat u trattat gew varjati xi ftit[4], il-Qorti hija tal-fehma li l-iskop tal-procedura baqa' l-istess li kien taht l-Artikolu 283A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk dak enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-precitat Digriet tal-5 Mejju 2005 japplika ghall-kaz in ezami[5].

Il-bazi tat-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni, u dana anke kif hareg car mit-trattazzjoni tar-Rikors, hija l-allegat nuqqas ta' validità tat-titolu ezekuttiv ta' l-intimata fil-konfront tar-rikorrenti bis-sahha ta' liema ottjeniet l-hrug ta' l-imsemmi Mandat ta' Sekwestru kontrih. Ir-rikorrenti jikkontendi li l-kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Vella datat 21 ta' Dicembru 2004 ma jikkostitwixxix titolu ezekuttiv ai termini ta' l-Artikolu 253(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta u li fi kwalunkwe kaz il-procedura adottata mill-intimata sabiex gie rez esegwibbli l-istess kuntratt ma hijiex dik korretta ai termini ta' dak dispost fl-Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Hu evidenti li r-rikorrenti mhux qed jibbaza t-talba tieghu ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni fuq xi ghelt jew nuqqas fl-att ezekuttiv innifsu, li bis-sahha tieghu qed ibati pregudizzju, izda, fuq ragunijiet marbuta mal-mertu nnfisu li, bis-sahha tieghu, l-istess Mandat inhareg kontrih. Dawn il-kontestazzjonijiet sollevati kontra z-zamma fis-sehh tal-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni ma jistghux u ma ghandhomx, fid-dawl ta' dak enuncjat mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-precitat Digriet **Pace v. Sultana et**, jigu ikkunsidrati minn din il-Qorti fil-kuntest ta' dawn il-proceduri, u ghaldaqstant it-talba tar-rikorrenti kif impostata tirrizulta ghal kollox guridikament insostenibbli.

Mill-bqija l-Qorti tosserva li l-Mandat ta' Sekwestru in kwistjoni mad-daqqa t'ghajn jidher li jhares dak kollu li tipprovdi l-ligi ghas-siwi tieghu u bla dubju inhareg minn

[4] Josephine Persiano pro et noe v. Joseph Persiano, degretat mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Frar 2002.
[5] Vide Digriet ta' din il-Qorti datat 5 ta' Luju 2010 wara r-Rikors Nru. 212/10 fl-Atti tal-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Numru 860/09 fl-ismijiet Schmbri and Sons Limited v. Brian Zammit.

Qorti kompetenti u kien kollazzjonat kif imiss mir-Registratur tal-Qrati. B'hekk ma ssib ebda raguni tajba biex l-istess Mandat ta' Sekwestru jigi attakkat.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghda tiddeciedi t-talba tar-rikorrenti billi tichad it-talba ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru bin-Numru 965/11 fl-ismijiet "Lorraine Calleja v. Patrick Calleja" stante li mhix misthoqqa; bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------